NEWSPAPER POST

# IL-BELT VICTORIA

RIVISTA MAĦRUĠA MILL-PARROĊĊA TA' SAN ĠORĠ — GĦAWDEX

Novembru - Diċembru 1987 Nru 39

## Il-Kelma ta' Arċipriet

# Nixteqilkom Paċi u Ġid

Meta tiġi f'idejkom din ir-Rivista, l-Milied ikun baqgħalu ftit tal-jiem mhux ħażin. U bħal donnu messaġġ minn issa għall-Milied donnu jkun barra minn postu. Iżda jiena naħseb li qatt ma hu kmieni biex wieħed jagħmel il-ġid.

Kemm nixtieq ġid fil-Milied. Kull kartolina li nibgħatu, tkun mimlija bl-isbaħ xewqat. Kull fejn niltaqgħu, speċjalment f'dawk il-jiem tal-Milied, intennu eluf ta' drabi: Il-Milied it-tajjeb, li ma hijiex ħaġa oħra għajr xewqa ta' ġid lil dik il-persuna li jkollna quddiema.

F'kelma waħda ta' kull sena nistgħu ngħidu li nimlew pajjiżna b'xewqat ta' ġid. Iżda għandi l-biża li dawn ix-xewqat ma jirrealizzawx ruħom: jibqgħu sempliċi xewqat. U allura l-ġid li nkunu rridu naraw fl-oħrajn josfor.

X'irridu nagħmlu?

L-ewwelnett: min irid il-ġid lil ħaddieħor irid jaħdem biex jilqa' lil dawk li jkun kif inhu. Bla timbri, bla gdiedem, bla ġudizzji. Ġesù Tarbija twieled għalih ukoll, u minħabba Ġesù Tarbija għandna nagħmlu ħilitna kollha biex nilqgħu lil kulħadd, bla ma nfittxu naraw ta' liema kulur hu, x'inhuma l-ideat tiegħu, ecc

It-Tieni: Ġesù Tarbija biss huwa l-għajn ta' ġid, u allura biex ngħaddu l-ġid lill-ħaddieħor, jeħtieġ li ngħaddulu ukoll lil Ġesù. Dan jista' jsir bl-imġieba tagħna, billi egħmilna kollu jkun ta' eżempju ħaj u li jagħmel il-ġid. B'hekk fina jkun qed jara lil Ġesù.

It-Tielet: nixtieq ġid qaddis billi fix-xewqat li nibgħatu nippruvaw inwasslu aħbar tajba: kemm tkun ħaġa sabiħa kieku fuq il-card li nibgħatu, minbarra l-firma li nħażżu, niktbu ukoll xi ħsieb spiritwali. Min jaf, forsi sentenza li tikteb tolqot lil dak li jkun u jżommha u jgħixha is-sena li ġejja. B'hekk tkun xtaqtlu l-ġid.

Dan hu l-ħsieb li ridt inwasslilkom! Nixteqilkom kull ġid fil-Mulej: lilkom, li tiffurmaw parti mill-komunità parrokkjali tagħna; lilkom, egħżież emigranti Ġorġjani, lilkom ilkoll, intom min intom u intom fejn intom li taqraw dan il-messaġġ:

**Il-Milied it-Tajjeb lil Kulħadd**

*L-Arċipriet*

## *Il-MILIED fil-Parroċċa Tagħna*

- ***Attivitajiet ġodda għat-tfal....***
- ***Novena għat-tfal fil-5.00 p.m.....***
- ***Novena għal kulħadd fis-6.00 p.m..***
- ***Presepju ġdid fil-knisja....***
- ***Kompetizzjoni għall-Familji....***

*Id-dettalji kollha fil-programm għall-ġranet tal-Milied li jitqassam iktar 'l quddiem.*



# *IL-MILIED IT-TAJJEB LIL KULĦADD*

"IL-BELT VICTORIA"
Revista ta' kull xahrejn
Uffiċċju Editorjali: Ċentru Parrokkjali San Ġorġ, Triq Karità — Victoria, Għawdex.
Tel: 556377

## IR-RIVISTA TAGĦNA U INT

**Din ir-Rivista titqassam b'xejn. Din ir-Rivista tasallek regolarment. Din ir-rivista tgħallmek. Din ir-rivista tgħaqqdek mal-parroċċa. Din ir-rivista jistenniha kulħadd.**

**Għal dan kollu tlabna kontribuzzjoni ta' ĦAMSIN ĊENTEŻMU lil kull familja. Ħafna kienu pronti u tawna iżjed. Oħrajn ġew iktar wara, imma seħemhom tawh. Ġbarna s-somma ta' Lm167.50c. Żgur li għad baqa' min sehemu ma tahx. Mhux għax ma japprezzax is-siwi ta' din ir-rivista, imma għax nesa, għax ħalla mill-llum għal għada. Jekk hu hekk tħallix jum ieħor jgħaddi. Agħti l-offerta tiegħek lil min iġiblek ir-rivista jew inkella tasal sa l-Uffiċċju Parrokkjali u ħalli l-offerta hemm. Tista wkoll tuża l-envelope li bgħattna u titfgħu fil-ġabra f'waħda mill-quddies fil-Bazilika tagħna. Nirringrazzjaw lil min ġa għinna u lil dawk li ser jgħinuna nirringrazzjawhom bil-quddiem.**

**Membri Ġodda fil-Komunità Parrokkjali**
**5.9.87:**
Sandra, bint Michael Portelli u Miralda nee' Grech
**12.9.87:**
Ron-George, bin Anthony Farrugia u Georgette nee' Muscat
**13.9.87:**
Nadia-Josephine, bint Thomas Smith u Rita nee' Zammit
**27.9.87:**
Katya, bint Alvin Scicluna u Margaret nee' Gauci
**30.7.87:**
George Mario, bin Raymond Mizzi u Georgina nee' Cassar
**4.10.87:**
Angele, bint Joseph Scicluna u Anna nee' Micallef

**IMWIET**

6.9.87: Carmelo Scerri
14.9.87: Ron-George Farrugia
27.9.87: Doris Portelli
21.10.87: Maria Concetta Attard

**ŻWIĠIJIET**

**12.9.87:**
Salvinu Cremona - Antoinette Farrugia
**13.9.87:**
Carmel Formosa - Lina Farrugia
**19.9.87:**
Joseph Bugeja - M'Concetta Conti
**11.10.87:**
Carmel Theuma - Marisa Camilleri
**24.10.87:**
Carmel Rapa - Vicky Mercieca

***Editorjal***

## *NIEĦDU SEHEM*

Qiegħdin fl-aqwa tas-sena soċjali u nistgħu ngħidu li mill-bidu deher li l-attendenza għall-attivitajiet u l-laqgħat li l-parroċċa tagħna torganizza ser tkun attendenza numeruża u li tgħamillek kuraġġ. Rajna grupp sabieħ ta' koppji żgħażagħ fl-ewwel laqgħa għalihom fiċ-Ċentru. Iltqajna ma' grupp tajjeb ta' għarajjes għall-laqgħat li jsiru għalihom kull ħmistax nhar ta' Ħadd fil-għodu. It-tfal għall-quddiesa tagħhom ta' nhar ta' Ħadd u ta' matul il-ġimgħa fil-għaxija dejjem jiżdiedu. L-irġiel jiltaqgħu f'numru sabieħ fl-Ewwel Ġimgħa tax-xahar. Kollox jagħmlilna kuraġġ. Kollox jħeġġek tagħmel iktar. U dan li ser nagħmlu speċjalment għall-festi sbieħ tal-Milied.

Wara s-suċċess li kisbet in-novena tal-Milied għat-tfal li bdejna nagħmlu s-sena li għaddiet, din is-sena ser ikomplu nibnu fuq dak li għamilna is-sena l-oħra. Barra n-novena u l-attivitajiet kollha bħalma għamilna s-sena l-oħra din is-sena ser inżidu. Minn kmieni qabel il-Milied ser inħeġġu lit-tfal kollha jiktbu ittra lil Ġesù Bambin. F'din l-ittra nixtieqare li t-tfal ma jiġux mgħejjuna mill-ġenituri jew għalliema. Mhux ser nagħtu każ ta' l-ortografija imma ser naraw il-ħsibijiet li ser jiktbu t-tfal tagħna. F'kull jum tan-novena tinqara waħda minn dawn l-ittri u ta' minn tkun jieħu rigal, barra minn rigali oħra li ntellgħu kuljum.

U biex inkomplu ngħollu l-ispirtu ferrieħi tal-Milied fil-parroċċa tagħna l-Kumitat Storiku Kulturali ser jieħu ħsieb it-twaqqif ta' presepju b'personaġġi kbar fil-knisja, fil-kappella ta' Santa Katerina. Għaliss ser ikun bil-Madonna, San Ġużepp u l-Bambin, imma l-quddiem inżidu iktar.

Mhux ta' min iħalli barra, la qed nitkellmu dwar il-Milied in-novena għal kulħadd li tiġi organizzata fil-quddiesa tas-6.00 p.m. kuljum mill-15 ta' Diċembru 'l quddiem. Is-sena li għaddiet għamilna xi tibdiliet biex in-novena tkun iktar adatta għaż-żminijiet ta' illum. Minn kien preżenti qal 'prosit' imma min ma ġiex tilef ċans li jipprepara ruħu għall-Milied b'mod tassew tajjeb. J'Alla il-konkorrenza għan-novena tal-kbar tkun iktar numeruża biex għal dawn il-festi nippreparaw mhux biss il-presepju, is-siġra u t-tiżjin, imma wkoll il-qalb tagħna.

Minn hawn u ftit ieħor ser nibgħatu programm dettaljat ta' l-attivitajiet kollha tal-Milied fil-familji kollha. Tkunu tafu aħjar x'hemm imħejji għat-tfal, għall-kbar, għall-koppji flimkien u għal kulħadd. It-tama tagħna hi li dak li b'tant sagrifiċċju jiġi mħejji, jiġi patronizzat u apprezzat mill-komunità parrokkjali kollha, li lilha minn qalbna nixtiequ kull hena u ferħ qaddis fil-jiem tal-Milied 1987.

**Ħinijiet tal-Quddies fil-għaxija.**
**Matul il-Ġimgħa: 5.00 p.m. u 6.00 p.m.**
**Ħdud u Festi: 4.00 p.m. u 5.30 p.m.**

*Sena Marjana:*

# MARIJA MMAKULATA

O Ġilju bajdani,
O Xemx kollha dija,
O bjuda li tgħammex,
O Verġni Marija.

Kemm ħabbek dak Alla
li mliek kollok grazzja,
u għall-merti - ta' Ibnek
li ssallab u miet
biex jifdi lill-bniedem,
lilek mar jeħles
mit-tebgħa tad-dnub;
Għax x'hemm isbaħ, Marija,
milli tiġi mħarsa,
biex, qatt, anqas għal waqt wieħed,
dik ruħek bajdana,
ma tisfa vittma
tal-għadu qerried!?!



Hekk xieraq li tidher
il-Bint Ewlenija ta'
Alla l-Missier.

Hekk sewwa li ssaltan,
dik Omm il-Feddej,
għax fiha ssawwar il-ġisem
ta' Dak li wassal il-ħajja
lill-bniedem mitluf.

Hekk xieraq li tgawdi,
l-Għarusa ta' Ruħ il-Qdusija,
sabiħa, bla nikta,
mimlija mħabba
lejn kollha l-bnedmin.

U lilek insellmu, ja bjuda: li tgħammex;
U lilek nitolbu ja xemx kollok dija;
U lilek infaħħru, ja ġilju tas-sema;
U lilek nitnehdu f'dal-wied tat-tbatija,
Eħlisna, eħlisna, Marija.

## Il-Kor "LAUDATE PUERI" fil-Katidral ta' l-Imdina

Il-jum tal-Ġimgħa 16 ta' Ottubru 1987 ser jibqa' imniżżel fl-istorja tal-Kor "Laudate Pueri" tal-Parroċċa tagħna bħala jum memorabbli. Dak in-nhar dan il-kor ħa sehem fil-Kunċert Korali u Strumentali fil-Katidral ta' l-Imdina ġewwa Malta fl-okkażżjoni tal-25 Anniversarju tal-'German - Maltese Circle'.

Il-Kor 'Laudate Pueri' flimkien mal-Kor u l-Orkestra 'Akkademja' ħa sehem fl-esekuzzjoni tal-Kyrie u l-Gloria mill-Quddiesa ta' F. Azzopardi li nkitbet fl-1775. Il-korijiet u l-orkestra kienu taħt it-tmexxija għaqlija tas-Surmast Joe Vella li dderiġa b'mod tant tajjeb dan ix-xogħol klassiku meħud mill-arkivju tal-Katidral ta' l-Imdina. Il-quddiesa ta' F. Azzopardi ġiet editjata mis-Sinjorina Maria Frendo li f'din l-esekuzzjoni esegwiet diversi partijiet bil-vuċi melodjuża tagħha ta' sopran. Barra s-Sinjorina Maria Frendo ħadet sehem ukoll oħtha s-Sinjorina Antionette Frendo u diversi solisti magħrufin Maltin.

F'din l-okkażżjoni, li għalija attenda wkoll il-Ministru ta' l-Edukazzjoni Dr. Ugo Mifsud Bonnici, il-Katidral ta' l-Imdina kien ippakkjat litteralment, u numru sabieħ ta' ammiraturi Għawdxin attendew għal dan il-kunċert.

Mill-kolonni tar-rivista tagħna nixtiequ nifirħu lill-kor 'Laudate Pueri' u nawgurawlu iktar suċċessi fil-ġejjieni.

## MISSJONI DJOĊESANA '87
## *– Żmien ta' Tagħlim –*
## 14 - 28 ta' Novembru 1987

## *KOPPLA u FAĊĊATA 'FLOODLIT' MILL-ĠDID*

*Fuq l-inizjattiva tal-Kumitat Storiku Kulturali tal-Parroċċa tagħna l-faċċata tal-Bażilika tagħna kif ukoll il-koppla reġgħu ġew "floodlit" mill-Gvern wara numru ta' snin fid-dlam. It-talba tal-Kumitat Storiku Kulturali ġiet milqugħa mill-ewwel mill-Onor. Ministru għal Għawdex, u ta' l-interess li ħa biex, mhux biss terġa' tiġi "floodlit" il-koppla, imma ssir stallazzjoni kompletament ġdida, f'isem il-parroċċa kollha nroddulu ħajr.*

## "MADWAR IS-SOĊJETÀ"
### Ktieb Ġdid ta' DUN EFFIE MASINI

Dun Effie Masini, saċerdot mill-parroċċa tagħna għadu kemm ippubblika ktieb bl-isem **"Madwar is-Soċjetà"** Dan il-ktieb, kif jgħidilna l-awtur stess fid-daħla tiegħu, jgħinna "nifhmu iktar lilna nfusna u s-soċjetà ta' madwarna". Barra dan minn jaqra tajjeb u jifli sew il-ktieb jinduna li fis-soċjetà ta' madwarna "il-bniedem mhux biss jirrealizza lilu nnifsu, imma jilħaq għan ewlieni tan-natura tiegħu; il-komunikazzjoni ma' ħaddieħor".

Il-Ktieb ta' Dun Effie Masini, li huwa mżewwaq b'għadd kbir ta' ritratti, huwa mqassam f'ħames taqsimiet importanti li jittrattaw l-Individwu u l-Ambjent Soċjo-Kulturali; l-Ekoloġija u l-Popolazzjoni; ix-Xogħol u l-Iżvilupp; it-Tmexxija Politika kif ukoll l-Istituzzjonijiet u l-Problemi Soċjali.

Dan il-ktieb għandu jkun f'idejn l-għalliema, nies li għandhom sehem f'xi tmexxija partikolari fi gruppi, leaders u diriġenti ta' għaqdiet, saċerdoti u kull minn għandu għal qalbu l-iżvilupp sħiħ tas-soċjetà li qed ngħixu fiha. Il-ktieb jinsab għall-bejgħ mingħand il-librara.

# BETLEHEM FIS-SNIN 135 - 325 A.D.

*Minn Dun Lawrenz Sciberras K.A.S.G. M.A., S.S.L., S.Th.L.,*

Matul il-jiem kollha tas-sena, Betlehem isaħħar lil kull min iżurha; mhux biss, iżda tfawwar ċertu hena u sliem f'qalb il-prellegrin. li jkollu x-xorti jmidd riġlejh biex jara, jisma' u jħoss il-ferħ li dak il-għar qaddis inissel f'qalb kulħadd. U meta jibda joqrob ix-xahar hekk imsejjaħ mill-antenati tagħna, ix-xahar tal-Milied, mingħajr ma rridu niġru bil-ħsieb tagħna lejn Betlehem, fejn hemm ġo għar mudlam, għar li ma kien ta' ħadd u fl-istess ħin ta' kulħadd, twieled l-Iben t'Alla.

F'din il-kitba qasira tiegħi ser nipprova nuri x'ġara mill-għar qaddis ta' Betlehem mis-sena 135 sas-sena 325, li b'dispjaċir kbir ikollna ngħidu, li kienu snin ta' dlam sfiq għal Betlehem. Dan allura jfisser li wieħed irid jibda l-ġrajja mill-Imperatur Adrijanu.

**Betlehem Imġarrfa**

Dan il-ħakem Ruman xejn ma kien kuntent bir-rebħiet kbar li kien għadu kemm għamel, tant li ħalef li jeqred u Jġib fix-xejn kull sinjal li ma kienx jaqbel ma Ruma. U biex mingħalih Adrijanu jirnexxi fil-ħsieb tiegħu, **l-ewwel**: kiteb Ruma fejn għarraf lis-Senat Ruman li kien ġa biddel l-isem tal-belt u minn Gerusalemm saret Aelja Kapitolina. **It-Tieni**: Kemm fejn twieled kif ukoll fejn miet Kristu, Adrijanu bena żewġ tempji; dak ta' Betlehem wara li radam bil-ħamrija l-Għar Qaddis, wassal l-ilma u ħawwel ħafna siġar u ddedika dak il-ġnien-tempju lil Tammuz-Adone; filwaqt li ġo Gerusalemm bena tempju u ddedikah lil Venere u Giove. **It-Tielet:** Adrijanu keċċa 'l-barra mill-Art Imqaddsa lil Lhud kollha. Naturalment mal-Lhud kien hemm ukoll l-ewlenin insara. U hekk allura ġo Betlehem ġew joqgħodu bosta nies li xejn ma kien jimpurtahom mill-Għar Qaddis. Dan kollu beda jseħħ mis-sena 135 A.D.

U għalhekk għal madwar 190 sena, jiġifieri mis-sena 135 sas-sena 325, l-Għar ta' Betlehem kien mirdum u ħadd ma seta' lanqas biss imur iżuru. Madanakollu kien hemm nies għorrief u qaddisin jgħixu f'partijiet oħra tal-Palestina li bit-tagħlim tagħhom, kif ukoll bil-kitba ħajja u ċara tagħhom semmew fejn twieled Kristu. Ix-Xhieda ta' dawn in-nies hija ta' importanza enormi, għaliex għexu u mietu f'dawn il-mija u disgħin sena ta' dlam u qtigħ il-qalb għal-Lhud Insara.

L-ewwel kittieb nisrani li għex bejn is-snin 135 u 325 u li semma' b'mod l-iktar ċar lill-Għar ta' Betlehem huwa San Gustinu Martri. Dan l-bniedem Lhudi li miet fis-sena 165, kiteb bosta tagħrif ta' siwi kbir. F'wieħed mill-kotba tiegħu li jismu **Djalogu ma Trifone** l-awtur isemmi l-Għar ta' Betlehem. "Meta t-tarbija twieldet f'Betlehem, billi ma kienx hemm post għalihom fir-raħal, Ġużeppi mar u **sab għar** fil-qrib. Filwaqt li kienu hemm, Marija welldet lil Ġesù u poġġietu ġo maxtura".

Bniedem ieħor li ta tagħrif dwar fejn twieled Ġesù huwa l-Għaref **Origene.** Dan Origene twieled ġo Alessandrija fis-sena 185 u fis-sena 216 mar jgħix fil-Palestina. Origene jikteb: "Ġo Betlehem wieħed jiġu muri l-Għar fejn HU (Ġesù) twieled, kif ukoll il-maxtura fejn HU ġie mqiegħed fil-fsieqi. Dawn il-postijiet jafu bihom anke dawk li ma jħaddnux l-istess twemmin ta' fejn twieled Ġesù. Dawn huma l-istoriku San Ewsebju u l-biblista San Ġilormu. Hekk per eżempju, San Ġilormu fl-ittra tiegħu lil Pawlinu ta' Nola jgħidlu: "Betlehem imbagħad, u li llum qiegħda f'idejna, kien hemm meqjum il-qabar ta' Tammuz-Adone; u fl-istess għar fejn darba Ġesù tarbija beka, il-pagani bkew għal Venus".



*In-nava ċentrali tal-Bażilika ta' Betlem. Ta nteress speċjali huma l-kolonni.*

**Elenena u Kostantinu:**

Kienet is-sena 325, meta f'Niċea kien qiegħed isir Konċilju Ekumeniku biex jiddefendu t-tagħlim qarrieq ta' Arju. U fost it-300 Isqof li ħadu sehem, kien hemm ukoll l-isqof San Makarju ta' Gerusalemm. Personaġġ ieħor importanti li ħa sehem f'dan il-Konċilju kien l-Imperatur Nisrani Kostantinu flimkien ma' Elena. L-Isqof Makarju nduna li issa kien wasal il-mument tajjeb biex jitlob l-għajnuna ta' l-imperatur innifsu u jurih f'liema stat miżeru kienu jinsabu l-postijiet mqaddsa.

Kemm l-Imperatur Kostantinu kif wkoll ommu Elena marru jżuru l-Art Imqaddsa u meta dawn raw il-profanazzjoni ta' dawn il-postijiet sagri fosthom l-Għar ta' Betlehem, l-Imperatur amar li jitneħħa dak il-bini bis-siġar li kien waqqaf il-predecessur tiegħu Adrijanu. U hekk allura l-Għar Qaddis li għal dawk is-snin kollha kien mirdum, issa tnaddaf, issa reġa għall-istat oriġinali li kien qabel. Kien mument kbir għal Betlehem, mument li jibqa' miktub fl-istorja, għaliex għalkemm ġew żminijiet koroh fuq l-Art Imqaddsa, però dan l-Għar qatt aktar ma ġie mirdum u magħluq għall-qima ta' l-insara.

Fuq l-għar Kostantinu bena l-ewwel Bazilika tiegħu, maqdes dehen lil dak il-post qaddis. Min ġewwa din il-bazilika kellha ħames navati u waħda kienet mifruda mill-oħra permezz ta' kolonni kbar ta' materjal ħamrani. Il-pjanta ta' din il-knisja saret b'mod li l-presbiterju jiġi preċiż taħt l-għar qaddis, iżda l-arkitett kien ħalla toqba mdaqqsa biex minn fuq wieħed seta' jara faċilment il-Għar fejn twieled Ġesù Bambin.

Forsi mhux kulħadd għandu x-xorti li jżur Betlehem, jew Dar il-Ħobż, u l-maxtura li tqiegħed ġo fiha Ġesù. Iżda Ġesù għadu ħobż għalina fl-Ewkaristija u kulħadd mhux biss jista', anzi għandu jagħmel kull ma' jista' biex jirċievi lil Ġesù ħobż ħaj fis-sider tiegħu.

# MILIED 1987



Ġewwa l-għar ċkejken ta' Betlem
Ried jitwieled Bin il-Bniedem
Sabiex b'hekk il-ħolqien kollu
Seta' jgħix ħieni u niedem.

Dit-Tarbija illi twieldet
Ftit inqas minn elfejn sena
Lilna ħelset minn kull ħtija
U imlietna lkoll bil-hena.

Kienet lejla bard u kesħa
Satra w dlam ġewwa l-ħolqien
Skiet u ħemda liema bħalhom
Għera w baħħ ma' kullimkien.

F'daqqa waħda s-Smewwiet faru
B'qtajja t'anġli ferħanin --
"Glorja 'l Alla ġewwa s-Sema
Paċi w Sliema lill-bnedmin."

Griet ir-ragħajja lejn il-grotta
Bla xejn każ tat tal-merħliet;
Għarkubbtejha bdiet tadura
Lill-Bambin fuq ftit tibniet.

Kewba tiddi 's-Sema dawlet
U kissret tas-saltna d-dlam
Bi twelidu Ġesù neħħa
Madmad, jasar ix-xitan.

Ilkoll aħna issa ħienja
Bit-Tarbija ta' ġo l-għar
Illi twieldet f'dak il-faqar
Għan-nifs sħun ta' baqra w ħmar

Jalla dejjem dit-tifkira
Tibqa' mnaqqxa f'qiegħ il-qlub
Għax ġo Betlehem tweldilna
Il-Feddej tagħna l-maħbub.

B'dawn il-versi nixteqilkom
Milied ħieni u qaddis
Illi jfawwar lid-djar tagħkom
B'paċi w ferħ mill-iktar fis.

*Kav. Joe M. Attard*

# ŻJARA LI MA TINTESIEX



Żewġ abbatini mill-parroċċa tagħna, ĠORĠ CASSAR li jservi ta' abbati fil-Bażilika tagħna u ĠORĠ GRECH li jservi fil-Knisja ta' San Franġisk, kienu fost il-25 abbati li għaddew ħames ġimgħat jagħtu s-servizz tagħhom fil-Bażilika ta' San Pietru ġewwa Ruma. Żgur li din iż-żjara ġewwa Ruma u iktar w iktar il-laqgħa tagħħom mal-Papa (Ritratt fuq Ġorġ Cassar u isfel Ġorġ Grech) ma jinsewha qatt. Flimkien ma' sħabhom il-Maltin huma ħadu sehem fil-funzjoni tal-Vestizzjoni mmexxija mill-Kardinal Aurelio Sabattani, Arċipriet tal-Bażilika ta' San Pietru.



# DON BOSCO 1988



Fl-1988 ser jiġi ċelebrat mis-Sależjani kollha għeluq il-mitt sena mill-mewt tal-qaddis tat-tfal u ż-żgħażagħ SAN GIOVANNI BOSCO. Ir-rivista tagħna wkoll ser tfakkar dan l-avveniment billi tippubblika sett ta' artikli dwar it-tagħlim ta' dan il-qaddis kif ukoll tagħrif dwar il-kult ta' Don Bosco f'Għawdex u l-Parroċċa tagħna. Barra dan il-parroċċa tagħna għandha sitt vokazzjonijiet Sależjani u għalhekk jixraq li dan l-ewwel ċentinarju mill-mewt ta' Don Bosco jiġi mfakkar ukoll fir-rivista tagħna.

# KIF NISTA' NGĦID JEKK IBNI HUX JIEĦU D-DROGI

NO D to DRUGS

Waħda mill-mistoqsijiet li l-ġenituri qed jagħmlu dejjem iżjed hija din: "Kif nista' ngħid jekk ibni hux jieħu d-drogi?" Din hija mistoqsija iebsa ħafna meta wieħed jinqeda b'sinjali u sintomi li għandhom x'jaqsmu mal-imġieba biex ikollu fuqiex jissuspetta. Hi ħaġa iebsa biex tifred l-imġieba li soltu juri tfajjel minn imġieba li ġejja mill-effett tad-drogi, iżda l-omm jew il-missier imisshom iqisu bħala suspettuża l-imġieba li ser insemmu:

**1. It-tfajjel jidher li qed jinbidel...**
*Qed isir iżjed:* nervuż, inqas juri żegħil, iżomm kollox sigriet, qatt ma taf biex ġej, bil-buli, ma jikkoperax, biered, ta' għalih waħdu?

**2. It-tfajjel qed isir inqas responsabbli?**
*Qiegħed:* jaħrab mix-xogħol jew qadi fid-dar, jiġi tard id-dar, imur tard l-iskola, jinsa ċerti okkażjonijiet tal-familja (egħluq snin tal-ġenituri jew ħutu eċċ.), isir traskurat f'persuntu, ma jlestix ix-xogħol ta' l-iskola?

**3. It-tfajjel qed jibdel il-ħbieb, l-istil kif jilbes jew fiex jinteressa ruħu?**
*Għandu:* grupp ġdid ta' ħbieb, juża l-kliem ta' ħbieb ġodda, iżomm xagħru bħal ħbieb ġodda, bidel l-istil ta' ħwejġu, ma jkunx irid jitkellem fuq ħbieb ġodda, jieħu interess kbir fil-mużika u kunċerti ROCK, jieħu inqas interess fl-iskola, fl-isports u fin-namriet li fihom it-tagħlim, ma jridx jitkellem mal-ġenituri dwar ħbieb ġodda, beda jinsisti iżjed fuq iżjed privatezza, qed jitlob permess joqgħod barra iżjed tard f'diversi okkażjonijiet?

**4. It-tfajjel qed issibuh iżjed iebes biex tikkomunikaw miegħu?**
*Qiegħed:* jirrifjuta jitħaddet fuq irqaqat ta' x'jagħmlu l-grupp tal-ħbieb tiegħu, ma jridx jiddiskuti "problemi ta' drogi", jieħu d-difensiva meta d-diskussjoni taqa' fuq l-effetti koroh tal-użu tad-drogi, jiddefendi bis-sħiħ l-użu xi drabi jew b'esperiment ta' drogi minn dawk ta' tamparu, jinsisti li l-kbar qed idejqu lil uliedhom, jibda jiddefendi l-'jeddijiet' taż-żgħażagħ, jippreferi jitħaddet fuq id-drawwiet ħżiena tal-kbar?

**5. It-tfajjel beda juri taħsir fiżiku u/jew mentali?**
*Qed juri:* taħwid fil-moħħ u ideat li jidhru barra minn lokhom, qed ikun iżjed sensittiv dwar l-affarijiet li jmiss, li jxomm u jduq, aptit ikbar b'effett tat-tipjip tal-ħaxixa (magħrufa bl-ingliż bħala "munchies"), inqas kapaċi jiħmar, inqas kapaċi jaħseb bil-għaġġla, qed jopra bla ma jaf għalfejn, qed jonqos fil-piż?

Dawn it-tibdiliet fl-imġieba li jissemmew fil-punti 1 – 5 jistgħu jseħħu fi żmien ftit xhur, jew f'sajf sħiħ, jew matul sena jew iżjed. Dawn ix-xejriet fl-imġieba għandhom ikunu mgħassa mill-qrib min-naħa tal-omm jew il-missier. Iżjed imġieba bil-miftuħ tibda tidher fit-tfajjel jekk ikun irnexxilu jgħaddiha lixxa mill-eżempji li ġibt hawn fuq u l-użu tad-drogi jibda jkun iżjed ċar fl-imġieba tiegħu.

**6. L-imġieba tat-tfajjel qed tkun iżjed intollerabbli għall-ġenituri?**
*Qiegħed:* jinsisti fuq il-jedd li jixrob l-alkoħol, jirrifjuta li jdum iżjed jistudja avolja ġieb riżultati agħar, jinsisti li l-għalliema qed ikunu ngusti, qed isir nervuż għall-aħħar, ma jridx jagħmel xi ħaġa d-dar, jitkellem ħażin, jiġi tard



id-dar bir-riħa tax-xorb, jaħseb li hawn min qed jigdeb fuqu, igħid li qatt ma pejjep ħaxixa, jirrifjuta jiekol jew iqatta' xi ħin mal-familja, qed ikun kollu sigrieti meta jċempel?

Wara xi ħjiel fl-imġieba dwar l-użu tad-droga, is-soltu tasal il-prova fiżika li ma tkunx tista' tiċħadha kif ġieb u laħaq. It-tfajjel is-soltu jigdeb jew igħid nofs verità lill-ġenituri meta jinqabad.

**7. It-tfajjel qed isir traskurat fl-użu li jagħmel mid-drogi?**
*Qiegħed:* jinsa jerġa' jpoġġi l-alkoħol li jkun seraq mill-kabinett tal-ġenituri, ipoġġi l-flixkun bejn is-saqqijiet, iħalli xi fdal fil-qasrija, fil-kamra tal-banju jew fl-"ashtray" tal-karrozza, jinsa min ivvomta fil-karrozza tal-familja, jinsisti li l-ħaxixa misjuba fil-karrozza jew fil-kamra hi ta' xi ħaddieħor?

**8. It-tfajjel qed isir dipendenti mid-droga?**
*Qiegħed:* jieħu l-flus mingħand il-ġenituri, ħutu subien jew bniet, jisraq oġġetti mid-dar li jistgħu jinbiegħu, jigdeb il-ħin kollu, ifalli l-iskola?

*Qiegħed:* jinqabad jisraq mill-ħwienet, ikun mixli b'serq, ikun akkużat bi prostituzzjoni, ikun arrestat fuq użu ta' drogi jew xi att delinkwenti? **Jipprova jneħħi ħajtu b'idejh?**

## *Donazzjoni mill-Emigranti Għar-Rivista*

**Mr. John Borg (Canada) 5 Can $**
**Mr. Anthony (Canada) 5 Can $**
**Chev. Joe Zammit (Canada) Lm2**
**Mr. Salvu Farrugia (U.S.A.) Lm3**
**Mr & Mrs Joe Borg (Melb. Aust.) Lm10**
**Rev. Kap. Dun Ġorġ Debrincat (California) 40 US $**



# ROKNA GĦAT-TFAL



Għeżież tfal,

Kif intom? Naħseb li sal-lum qbadtu sewwa r-rittmu ta' l-iskola, bl-istudju u l-homework b'kollox. Issa x-xitwa daħlet sewwa u lkoll kemm intom għandi nifhem li tinsabu miġburin id-dar, twettqu dmirijietkom.

Tfal, illum irrid ngħidilkom storja li minnha għandkom titgħallmu kemm hija kerha u ta' min jistmerrha u jaħrabha l-għira, u fl-istess ħin kemm hija sabiħa s-sinċerità u kemm hu sewwa li nħobbu dejjem lil xulxin.

John u Peter kienu fl-istess klassi ta' l-iskola u kienu ħbieb kbar. Darba fl-iskola fejn kienu jattendu, saret kompetizzjoni tat-tpinġija li għaliha daħlu ħafna tfal, fosthom iż-żewġt iħbieb, John u Peter.

Ġara li meta t-tfal ressqu t-tpinġijiet tagħhom fil-klassi biex l-għada ssir il-kompetizzjoni fl-iskola, it-tpinġija ta' Peter dehret li kienet l-isbaħ. John ma ħax pjaċir. Beda jirrabja. Daħħalha f'rasu li jara kif jagħmel biex iħassar it-tpinġija ta' Peter. Meta spiċċaw il-ħin ta' l-iskola u ħarġu mill-klassi, huwa li kien nesa xi ħaġa warajh u reġa' daħal ħalli jagħmel dak li kellu f'rasu, jiġifieri li jħassar it-tpinġija ta' Peter b'taħżiż fuqha.

L-għada, it-tpinġija ta' Peter ma setgħetx tiddaħħal għall-kompetizzjoni. John kellu qalbu qawwija li b'hekk kien se jirbaħ hu. Hekk ġara. Il-premju ħadu John.

Meta mar id-dar, il-ġenituri tiegħu ferħu ħafna. Imma John kien inkwitat. Il-kuxjenza tiegħu ma ħallietux kwiet. Bdiet tniggżu dwar dak li għamel minħabba l-għira. Fl-aħħar, John ma felaħx iżjed u stqarr in-nuqqas tiegħu mal-ġenituri. Qalilhom ukoll li kien iddeċieda li l-premju jagħtih lil Peter għaliex dak kien jistħoqq lil ħabibu, mhux lilu.

Meta Peter sema' bl-istorja ta' sieħbu qallu li, kieku kien jaf li John xtaq jirbaħ il-premju daqstant, it-tpinġija tiegħu ma kienx jippreżentaha ħalli jirbaħ John. Fissirlu li għalih, jekk jirbaħ il-ħabib tiegħu, jifraħ daqs li kieku rebaħ hu.

Wara l-inċident, Peter baqa' ħabib ma' John qisu qatt ma kien ġara xejn.

Il-ħbiberija vera, tfal, trid tkun ġejja mill-qalb. Trid tkun ħbiberija bħal dik li wera Peter.

Ħbiberija vera ma tgħirx, anzi tieħu gost meta xi ħadd mill-ħbieb jikseb suċess. Il-ħbiberija għandha tkun sinċiera, ġeneruża.

Għal-lum, dak kollox tfal. Sa ma nerġgħu niltaqgħu, ngħidilkom saħħa, u jekk ma nerġgħux niltaqgħu, il-Milied it-Tajjeb u s-Sena t-Tajba lilkom ilkoll.

*Tata'*
*Iz-Ziju Peppi*

# Ktieb għall-Żmien il-Milied

## Jekk qrajt il-Ktieb "L-Aħħar Ġimgħa ta' Ġesu" dan hu l-ktieb għalik f'dan il-Milied

**BETLEM DAR IL-ĦOBŻ** huwa l-isem ta' ktieb ġdid li għadu kemm ġie ppublikat. L-awtur tiegħu huwa **Dun Lawrenz Sciberras.** Dan il-ktieb li fih 70 paġna, qoxra bil-kulur li turi l-għar ta' Betlem u l-Knisja tar-Ragħajja, kif ukoll ħafna ritratti oħra jagħtina ħafna tagħrif siewi ta' żmien Ġesù.

Il-pajjiż żgħir u sabiħ ta' Betlem diġa kellu l-importanza tiegħu fit-Testment il-Qadim. Bosta huma dawk il-personaġġi li twieldu f'Betlem; ta' min isemmi hawn lis-sultan David, Elimelek u martu Nagħomi.

Naturalment Betlem kiseb l-aqwa mportanza tiegħu bit-twelid tal-Messija. Fil-ktieb **Betlem Dar il-Ħobż** insibu tagħrif dwar kif kien il-Għar li twieled fih Ġesù, hemm deskrizzjoni ta' xi jsir f'Betlem matul il-jiem ferrieħa tal-Milied, kif ukoll dettalji oħra dwar il-Għalqa tar-Ragħajja.

Liema kienet is-sitwazzjoni li messet lil Betlem u l-Għar Qaddis bejn is-snin tad-dlam jiġifieri mis-sena 135 sas-sena 325, jiġifieri minn Adrijanu sa Kostantinu? Dan it-tagħrif li jidher fl-artiklu ta' din ir-revista stess, qiegħed ukoll fil-ktieb Betlem Dar il-Ħobż.

Il-ktieb ikompli jiddeskrivi l-bini ta' l-ewwel Bazilka li l-imperatur nisrani Kostantinu u ommu Elena bnew preċiż fuq il-Għar. Ta' interess kbir u **ta' valur imprezzabli huwa l-mużajk** li hemm fil-paviment ta' din il-Bazilka tan-Nativita, mużajk li għandu minn żmien Kostantinu, immela tas-sena 325 wara Kristu.

Wara Kostantinu ġie imperatur ieħor jismu Gustinjanu li dan kabbar u sebbaħ bil-kbir il-Bazilka tan-Navita, binja b'ħames navati u li għada wieqfa hemm sal-ġurnata ta' llum.

Hija ħaġa tassew kurjuża kif u għaliex il-bieb tal-faċċata tal-Bażilika tan-Nativita ġie mċekken għal darba, tnejn, b'mod tali li wieħed biex jidħol ġol-knisja minn dan l-uniku bieb irid jitbaxxa sew.

Tkun għalhekk ħaġa l-aktar għaqlija jekk matul jiem il-Milied wieħed jagħmel **l-impenn sħiħ tiegħu biex jixtri dan il-ktieb** mimli tagħrif sabiħ dwar Betlem u hekk jifhem ftit aktar kemm Alla ħabbna meta bagħat lil Ibnu fostna u għalina.

# Zewg Opri oħra fit-Teatru Astra

Biex jitfakkar b'mod dinjituż l-għoxrin anniversarju mill-ftuħ uffiċċjali tat-Teatru Astra, propjetà tas-Soċjetà Filarmonika La Stella, il-Management fost l-attivitajiet ewlenin tiegħu għall-okkażjoni, ser jippreżenta żewġ opri bis-sehem ta' kantanti taljani magħrufa, kif ukoll bil-parteċipazzjoni ta' sopran ta' fama mondjali.



Rappreżentanti tat-Teatru u kumpanija kbira tal-opra f'Ruma laħqu ftehim dwar il-produzzjoni taż-żewġ opri f'Għawdex. Diġa' sar magħruf li kemm ix-xenarju kif ukoll il-parti l-kbira tal-vestwarju ser jinġiebu apposta minn l-Italja.

Id-dati u iktar dettalji ta' dan l-istaġun operistiku f'Għawdex jiħabbru iktar tard.

It-Teatru Astra kien ġie inawgurat uffiċċjalment fl-20 ta' Jannar 1968



## FIERA OĦRA fil-Kumpless tat-TEATRU ASTRA

Fil-Kumpless tat-Teatru Astra dan l-aħħar saret fiera oħra kummerċjali, it-tieni waħda għal din is-sena bl-isem: Calypso Fair '87.

Il-mijiet ta' Għawdxin li żaru l-Fiera matul it-tliet ijiem li damet miftuħa setgħu jaraw Stands b'kull xorta ta' prodotti u oġġetti bżonjużi għad-dar fosthom għamara, kmamar tal-banju, madum, mirja, arloġġi, computers, u salotti. Kien hemm ukoll oġġetti għall-kċina, ħwejjeġ ornamentali, ikel, ħelu, kotba u xogħolijiet tal-pittura.

Għall-ewwel darba din is-sena ħadet sehem il-Gozo Channel Co. Ltd. li lilhom l-organizzaturi jixtiequ jirringrazzjaw tal-koperazzjoni kbira li sabu fihom.

Calypso Fair '87 organizzazjoni oħra tas-Soc. Fil. La Stella.

# Wirjiet Folkloristiċi mill- Grupp Astra

Il-Group Folkloristiku Astra għadu kif temm l-impenji tiegħu għall-istaġun turistiku tas-sajf li matulu ta wirjiet ta' żfin, kant u għana tradizzjonali Malti fi tliet lokalitajiet differenti. Bejn Mejju u Settembru li għadda l-Group deher quddiem mijiet kbar ta' turisti fil-Buskett Roadhouse fir-Rabat Malta, fil-Hotel Ta' Cenc u t-Tritons Restaurant f'Għawdex. F'dawn il-wirjiet tiegħu l-Group ikkonferma l-abbiltà tiegħu mhux biss fiż-żfin folkloristiku, ippreżentat tant tajjeb taħt is-superviżjoni tal-koreografu George Mejlak, iżda anke fl-għana tradizzjonali Malti, li fih spikkat il-kantanta tal-Group Adelina Attard. Aktar kmieni din is-sena l-Group ha sehem fil-Konkors 'Il-Bronja' bil-kanzunetta "Dak l-Imbierek tal-Qubbajt" li ġiet interpretata mid-duo Maria Schembri u Joe Farrugia flimkien mal-kor. Il-kanzunetta hija kitba oriġinali tal-Orchestra Leader tal-Group, Joseph Bezzina. Fl-14 t'Awissu l-Group Astra ġie mistieden jieħu sehem f'serata folkloristika fil-Villa Rundle waqt li fl-24 t' Ottubru iffilmja żewġ żifniet għall-programm t'Għawdex fuq TVM "Il-Manbar".


## ASTRA TOUR GĦAL LONDRA



Mill-31 ta' Diċembru 1987 sas-7 ta' Jannar 1988

- *Vaganza li ma tinsiha qatt*
- *Atmosfera mill-isbaħ ta' l-istaġun*
- *Sales kbar tal-bidu tas-sena l- ġdida*
- *Numru Limitat*



*Ikseb programm dettaljat mingħand is-Sur Paul M.Cassar - Tel 551004*